



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16077/23

CDR 195

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

---

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta' ...**

**li taħtar membru supplenti,  
propost mir-Renju ta' Spanja,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157<sup>1</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmien il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Antonio VICENS VICENS sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sa Francisca RAMIS PONS, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Directora General de Relaciones Institucionales y de Relaciones con el Parlamento* (Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u r-Relazzjonijiet mal-Parlament), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

### *Artikolu 1*

Is-Sa Francisca RAMIS PONS, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Directora General de Relaciones Institucionales y de Relaciones con el Parlamento* (Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u r-Relazzjonijiet mal-Parlament), hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---